



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 22.12.2006
KUMM(2006) 916 finali

2006/0300 (COD)

-

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda

id-Direttiva Nru 2002/87/KE dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi ta' assicurazzjoni u ditti ta' l-investiment f'konglomerat finanzjarju fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni

(preżentata mill-Kummissjoni)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda

id-Direttiva Nru 2002/87/KE dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi ta' assigurazzjoni u ditti ta' l-investment f'konglomerat finanzjarju fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 47(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi ta' assigurazzjoni u ditti ta' l-investment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ tistipula li ċerti miżuri għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni⁴.
- (2) Id-Deċiżjoni Nru 1999/468/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni Nru 2006/512/KE li dah hlet proċedura regolatorja bi skrutinju għall-użu fl-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni ta' firxa ġenerali bil-għan li jemendaw elementi mhux essenzjali ta' att bażiku adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, *inter alia* billi tħassar xi wħud minn daww l-elementi jew billi tissupplimenta l-att biż-żieda ta' elementi mhux essenzjali oħra.

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

³ ĠU L 35, 11.2.2003, p.1. Direttiva kif emendata bid-Direttiva Nru 2005/1/KE (ĠU L 79, 24. 3. 2005, p.9).

⁴ ĠU L184, 17.7.1999, p.23 . Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p.11).

- (3) Skond id-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni⁵ dwar id-Deċiżjoni Nru 2006/512/KE, atti li huma diġà fis-seħħ għandhom jiġu aġġustati skond il-proċeduri applikabbli. Id-dikjarazzjoni tindika lista ta' atti li għandhom ikunu aġġustati b'urġenza, inkluża d-Direttiva Nru 2002/87/KE.
- (4) B'mod partikolari, għandha tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta miżuri biex tikkjarifika l-aspetti tekniċi ta' xi wħud mid-definizzjonijiet mogħtija fid-Direttiva Nru 2002/87/KE, partikolarment sabiex dawn ikunu jikkunsidraw l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji u tekniċi ta' prudenza, u tiżgura l-applikazzjoni uniformi tagħha tad-Direttiva fil-Komunità. Peress illi dawn il-miżuri għandhom ambitu ġenerali u huma maħsuba li jissupplimentaw id-Direttiva Nru 2002/87/KE billi jżidu elementi mhux essenzjali ġodda, dawn għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju skond l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni Nru 1999/468/KE
- (5) Id-Direttiva Nru 2002/87/KE tistipula restrizzjoni taż-żmien rigward is-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni. Fid-dikjarazzjoni konġunta tagħhom dwar id-Deċiżjoni Nru 2006/512/KE, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ddikjaraw li d-Deċiżjoni Nru 2006/512/KE tipprovdi soluzzjoni orizzontali u sodisfa ċenti għax-xewqa tal-Parlament Ewropew li jiskrutinja l-implimentazzjoni ta' atti adottati taħt il-proċedura tal-kodeċiżjoni u li, b'hekk, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni mingħajr limitu ta' żmien. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddikjaraw ukoll li ser jiżguraw li l-proposti mmirati li jħassru d-dispożizzjonijiet fl-atti li jistipulaw limitu ta' żmien fuq id-delega ta' setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni jiġu adottati kemm jista' jkun malajr. Wara d-dħul tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, id-dispożizzjoni li tistabbilixxi restrizzjoni ta' żmien fid-Direttiva Nru 2002/87/KE għandha titħassar.
- (6) Id-Direttiva Nru 2002/87/KE għalhekk għandha tiġi emendata kif xieraq.
- (7) Peress illi l-emendi li għandhom isiru fid-Direttiva Nru 2002/87/KE huma aġġustament ta' natura teknika li jikkonċernaw biss il-proċedura ta' kumitat, dawn ma jinħtiġux traspożizzjoni fl-Istati Membri. Għaldaqstant, mhux neċessarju li jkunu inklużi dispożizzjonijiet f'dan is-sens.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni Nru 2002/87/KE qiegħda hawn tiġi emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 20(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-kliem "skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 21(2)" jitħassru;

(b) Għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi

⁵ ĠU C255, 21.10.2006, p. 1

skrutinju msemija fl-Artikolu 21(2a)."

(2) L-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1999/468/KE, filwaqt li jittieħed kont tad-diżpożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha."

(b) Il-paragrafi 3 u 4 jitħassru.

Artikolu 2

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fi jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President